Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum is-7 ta' Novembru 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andrew Agius Bonello)**

**vs**

**Paolina Camilleri (ID 671743 M)**
**Roland Formosa (ID 454961 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Paolina Camilleri,** 80 sena bint Carmel u Helen nee' Debono, imwielda Birkirkara fl-14/10/1943 u toqghod 174, Triq Santu Rokku, Birkirkara. **ID Card 671743M** u

**Roland Formosa,** 62 sena bin Joseph u Frances nee' Camilleri, imwieled Birkirkara fit-03/07/1961 u joqghod 174, Triq Santu Rokku, Birkirkara. **ID Card 454961M.**

Akkuzati talli nhar it-28 t'April 2016 u/jew fix-xhur ta' qabel gewwa l-fond 174, Triq Santu Rokku, Birkirkara u/jew f'dawn il-Gzejjer Maltin b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi anke jekk saru fi granet jew hinijiet diversi;

1. Minghajr il-permess tal-Awtorita` u/jew licenzja tal-Kunsill Lokali relattiv, bnew jew ghamlu xi haga fit-toroq li tista' ggib xkiel jew periklu jew ingombru lill-pubbliku, inkella hallew, wara li gew

imwissija mill-Pulizija jew minn Gwardjan Lokali bini jew opri ohra fi stat ta' tigrif jew periklu ghan-nies jew ghal hwejjeg haddiehor;

2. Naqsu li jobdu Ordni legittima datata 8 ta' Marzu 2016 moghtija lilhom minn Ufficjal Pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat ix-xhieda ta' Daren Hammett, Perit Josef Gatt u Jesmond Farrugia.

Rat illi l-*parte civile* Daren Hammett iddikjara illi m'ghadx ghandu interess fil-kawza odjerna, fis-seduta ta' nhar it-12 t'April 2022.

Semghat it-trattazzjoni mid-Difiza wara li l-Prosekuzzjoni irrimettiet ruhha ghall-provi migjuba.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti wara li rat ix-xhieda moghtija u rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali hija konvinta illi l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-imputati ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti, qed issib lill-imputati **mhux hatja** ta' l-akkuzi migjuba kontrihom u qed tilliberahom minnhom.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**